



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10721/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0131 (NLE)

COEST 155
WTO 187
VETER 49
AGRI 368

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja
tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali
għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti
fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom,
minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Tip ġdid ta' qatgħa tat-tjur jikkonsisti minn sidra tradizzjonali bl-umeru tal-ġwienaħ imqabba u jista', wara trasformazzjoni minima fl-Unjoni, jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni bħala sidra tat-tjur. Għaldaqstant, hemm ir-riskju li importazzjonijiet mingħajr limitu ta' dawk il-qatgħat, li l-importazzjonijiet tagħhom mill-Ukrajna laħqu l-55 500 tonnellata fl-2018, jimminaw il-kundizzjonijiet li taħthom il-qatgħat tradizzjonali tas-sidra tat-tjur jistgħu jiġu importati fl-Unjoni taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' kwota tariffarja.
- (3) Fl-20 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Ukrajna bil-għan li tinstab soluzzjoni billi jiġu emendati l-preferenzi kummerċjali għall-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Dawk in-negozjati ġew konklużi b'suċċess fid-19 ta' Marzu 2019.

¹ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (il-“Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri”) jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (5) Sabiex jiġi eliminat malajr ir-riskju ta' importazzjonijiet bla dazju potenzjalment mhux limitati ta' dawk il-qatgħat tat-tjur, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jenħtieġ li jiġi applikat b'mod provviżorju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri*.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tar-riċezzjoni mid-Depożitarju msemmi fl-Artikolu 484 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta':

- in-notifika mill-Unjoni tat-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop; u
- in-notifika mill-Ukrajna tat-tlestija tar-ratifika skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha,

dik li minnhom tkun l-aktar tard.

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument ST 10752/19.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
